**Il-Papa f'Malta**




Iż-żjara pastorali f'Mejju ta' l-1990 tal-Papa Ġwanni Pawl II, li ġie li ssejjaħ il-Papa l-pellegrin, kienet ilha mistennija ħafna mill-poplu Malti, li minn dejjem kien iqimu qatigħ. Il-Maltin kienu ilhom jixtiequ li jarawh fid-demm u l-laħam fosthom u li jiltaqgħu mal-mexxej reliġjuż kbir u li jġeddu mħabbithom lejh, u fl-istess waqt jistennew minn għandu l-messaġġ tiegħu tas-soltu ta' tmexxija u ta' qlubija. Biex ifakkar din il-ġrajja waħdenija, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ Munita tal-Fidda f'verżjoni "*Proof*" u f'verżjoni Leqqiena-Mhux Ċirkulata. Il-wiċċ juri l-Arma ta' Malta, filwaqt li l-irġejjen juri l-Kurċifiss personali tal-Papa Ġwanni Pawlu miżmum f'idejh kif kienet id-drawwa tiegħu hu u jbierek lill-poplu. Fl-isfond tidher maħżuża l-belt qadima ta' l-Imdina mdawra bis-swar, ġawhra medjevali li tinstab f'nofs Malta, u li fiha jinstab ukoll is-sede Episkopali ta' l-Arċisqof ta' Malta. Il-Muniti "*Proof*" kienu nħadmu fir-*Royal Mint*, filwaqt li l-muniti Leqqiena-Mhux Ċirkulati kienu nħadmu fiz-Zekka ta' Malta. Il-wiċċ kien tfassal mis-Sur Noel Galea Bason, in-naqqax taz-Zekka ta' Malta, filwaqt li l-irġejjen kien tfassal mill-iskultur magħruf Malti, is-Sur Ġanni Bonnici.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda 'Proof' | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 4,000 |
| | | | | | |
| Fidda Leqqiena Mhux Ċirkulata | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 5,000 |